# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tal-Erbgħa, 18 ta' Settembru 2019**

**Talba Numru 354/2018SFJ**

***Christabel Mizzi (307491M)***
***vs.***
***Marlon Mizzi (127383M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-30 ta' Lulju 2018 li permezz tiegħu ġie premess u mitlub:

- Illi l-partijiet huma l-ġenituri tal-minuri Jake Mizzi u Mikhail Mizzi;

- Illi l-kontendenti huma partijiet f'kawża ta' separazzjoni personali pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja);

- Illi *pendente lite*, dik il-qorti tat digriet fil-15 ta' Jannar 2018 fejn ordnat li l-konvenut iħallas nofs l-ispejjeż relattivament għas-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri Jake Mizzi u Mikhail Mizzi fi żmien ġimgħa minn meta ssir it-talba għall-ħlas;

- Illi minkejja li l-attriċi talbet lill-konvenut diversi drabi sabiex iħallas sehmu, dan baqa' inadempjenti;

- Illi sal-preżent, l-attriċi nefqet is-somma ta' sitt mija u sebgħa u għoxrin Ewro u erbgħin ċenteżmu (€627.40) rappreżentanti spejjeż ta' saħħa u edukazzjoni tal-minuri u għalhekk, il-konvenut irid iħallas is-somma ta' t**lett mija u tlettax-il Ewro u sebgħin ċenteżmu (€313.70ċ)**;

- Illi għalhekk, dan it-Tribunal qiegħed jintalab jordna lill-konvenut sabiex iħallas is-somma ta' tlett mija u tlettax-il Ewro u sebgħin ċenteżmu (€313.70ċ) bl-imgħax mill-1 ta' Mejju 2018 u bl-ispejjeż.

Ra r-riferti pożittivi relattivi li jindikaw li l-partijiet ġew validament innotifikati.

Ra r-Risposta tal-konvenut ippreżentata fit-12 ta' Settembru 2018li permezz tagħha ġie eċċepit li t-talbiet tal-attriċi kienu infondati fil-fatt u fid-dritt għax hu kien dejjem ħallas, kif ammess fl-istess rikors jew talba preċedenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja).

Ra li fl-udjenza tad-19 ta' Settembru 2018, dan it-Tribunal, diversament ippresedut, ordna l-inverżjoni tal-provi.

Sema' x-xhieda kollha, qara d-dokumentazzjoni kollha ippreżentatau ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għat-18 ta' Settembru 2019.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Fl-udjenza tat-3 ta' Ottubru 2018, dan it-Tribunal, diversament ippresedut, ordna li l-attriċi tippreżenta kopja legali ta' digriet tal-Prim' Awla (Sezzjoni Familja). Din il-kopja legali tinsab a fol. 11 sa 14 tal-proċess. Permezz tad-digriet relattiv, ġie ordnat, *inter alia*:

- Li l-konvenut iħallas lill-attriċi erba' mitt Ewro (€400.00) fix-xahar *in linea* ta' manteniment għall-minuri Jake Mizzi u Mikhail Mizzi; u

- Li l-konvenut iħallas nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni tal-ulied minuri fi żmien ġimgħa minn meta jintalab mill-attriċi.

Fl-udjenza tas-6 ta' Novembru 2018, l-attriċi, taħt ġurament, ippreżentat *animo ritirandi* d-dokumenti CM1 u CM2 li xehdet li kienu riċevuti oriġinali dwar spejjeż relatati mal-edukazzjoni u s-saħħa tal-ulied minuri. L-attriċi xehdet ukoll li l-erba' mitt Ewro (€400.00) kienu qegħdin jitħallsu mill-konvenut f'pagamenti ta' mitt Ewro (€100.00) kull ġimgħa, liema pagamenti bdew minn Marzu 2016.

Id-dokument CM1 jibda b'dikjarazzjoni (a fol. 17) li tippreċiża li r-riċevuti formanti parti mill-istess dokument huma riċevuti maħruġa bejn Novembru 2017 u Ġunju/Lulju 2018. Hija tgħid ukoll li t-total tar-riċevuti kollha jammonta għal seba' mija u erbgħa u għoxrin Ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€724.59ċ) u għalhekk, il-konvenut għandu jħallasha nofs dan l-ammont, jiġifieri tlett mija u tnejn u sittin Ewro u tletin ċenteżmu (€362.30ċ).

Id-dokument CM1 għandu l-kontenut segwenti:

- Karta maħruġa mill-Kulleġġ San Injazju datata 22 ta' Novembru 2017 li permezz tagħha l-Kap tal-Iskola talbet lill-ġenituri jħallsu erba' Ewro (€4.00) għal *party* tal-Milied (fol. 18);

- Żewġ *e-mails* li jindikaw li xi ġenituri kienu ser jiġbru xi flus sabiex jinxtraw rigali għall-għalliema tal-iskola fl-okkażjoni tal-Milied tal-2017. Il-ġenituri ġew mitluba jikkontribwixxu total ta' ħmistax-il Ewro u ħamsin ċenteżmu (€15.50) (fol. 18);

- Tlett karti maħruġin mill-Kulleġġ San Injazju (datati 19 ta' Jannar 2018, 9 ta' Marzu 2018 u 11 ta' April 2018) li permezz tagħhom il-ġenituri ntalbu jħallsu total ta' ħdax-il Ewro (€11.00) għal tlett ħarġiet edukattivi (fol. 19);

- Karta mill-istess skola datata 19 ta' April 2018 li permezz tagħha ġie indikat li l-ħlas pagabbli għal ritratt tal-klassi kien tlett Ewro u għoxrin ċenteżmu (€3.20ċ) (fol. 20);

- Karta mill-istess skola datata 14 ta' Mejju 2018 li permezz tagħha ntalab il-ħlas ta' Ewro u ħamsin ċenteżmu (€1.50ċ) għal *fruit fun day* (fol. 20);

F'dan l-istadju, it-Tribunal jgħid li ser jiskarta l-karti li jinsabu a fol. 21 għax jidher ċar li dawn huma <u>kopja eżatta</u> tal-karti li jinsabu a fol. 20. Għalhekk, jekk it-Tribunal iqishom, ikun qiegħed jidduplika l-ispejjeż relattivi.

- Tlett karti maħruġin mill-istess skola li jindikaw li ntalab ħlas totali ta’ tnax-il Ewro (€12.00) għal tlett attivitajiet li saru fil-15 ta’ Mejju 2018, fis-17 ta’ April 2018 u fil-25 ta’ Mejju 2018 (fol. 22);

- Żewġ riċevuti maħruġin mill-*Foundation for Educational Services* datati 21 ta’ Marzu 2018 u 30 ta’ April 2018 li jindikaw li l-attriċi ħallset total ta’ sittax-il Ewro u tmenin ċenteżmu (€16.80ċ) lill-istess fondazzjoni (fol. 23);

- Żewġ riċevuti datati 17 ta’ April 2018 li jindikaw li l-attriċi ħallset total ta’ ħamsin Ewro (€50.00) għal servizzi ta’ *Skola Sajf* għaż-żewġt itfal (fol. 24);

- Tlett riċevuti datati 8 ta’ Mejju 2018, 23 ta’ Frar 2018 u 16 ta’ Awwissu 2018 maħruġin minn *Kevin’s Stationery* u *DVD Maniac* li jindikaw li l-attriċi ħallset total ta’ tmintax-il Ewro u sittin ċenteżmu (€18.60ċ) (fol. 25);

- Seba’ riċevuti maħruġin minn *Kevin’s Stationery* u *DVD Maniac* li minnhom, tnejn huma tant skulurati li ma jinqrawx u għalhekk, it-Tribunal ser iqis biss dawk li jinqraw, ċioe` ħamsa. It-total ta’ dawn il-ħames riċevuti li jinqraw huwa ta’ tlieta u tmenin Ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€83.66ċ) (fol. 26); u

- Żewġ riċevuti maħruġa mill-*Foundation for Educational Services* datati 14 ta’ Ġunju u 18 ta’ Ġunju 2018 rispettivament li jindikaw li tħallsu erbgħa u sebgħin Ewro u erbgħin ċenteżmu (€74.40ċ) (fol. 27);

Id-dokument CM2 għandu l-kontenut segwenti:

- Żewġ karti maħruġin mit-tabib Dr Bjorn Buhagiar fit-28 ta’ Mejju 2018 li jindikaw li tħallas total ta’ mija u ħamsa u ħamsin Ewro (€155.00) għal xi *vaccines* u bħala *clinic fees* (fol. 29) għat-tfal Jake u Mikhail Mizzi;

- Żewġ karti maħruġin mid-dentist Dr Roberta Scicluna u mill-pedjatra Dr Mark Bailey datati 23 ta’ April u 17 ta’ April 2018 rispettivament li jindikaw li l-attriċi ħallset total ta’ ħamsin Ewro (€50.00) għal tali konsulti u *check-ups* dentali (fol. 30). Hawn it-Tribunal josserva li r-riċevuta datata 23 ta’ April 2018 tindika li l-ħlas kien ta’ għoxrin Ewro (€20.00) għal Jake u Mikhail Mizzi iżda r-riċevuta datata 17 ta’ April 2018 tindika l-ħlas ta’ tletin Ewro (€30.00) għal konsultazzjoni għal “*Mizzi*” u ma tispeċifikax il-persuna;

- Karta maħruġa mit-tabib Dr Bjorn Buhagiar u datata 16 ta’ April 2018 li tindika li ntefqu tlieta u sebgħin Ewro (€73.00) għal *Varilix vaccine* u l-*clinic fee* rispettiva għal Jake Mizzi (fol. 31);

- Riċevuta maħruġa mill-ispiżerija “Tal-Ħlas” datata 31 ta’ Jannar 2017 li tindika li ntefqu ħmistax-il Ewro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€15.83ċ) *in linea* ta’ mediċini (fol. 32) li kienu allegatament għall-minuri;

- Tlett riċevuti li minnhom waħda hija tant skulurata li ma tinqarax u għalhekk, it-Tribunal ser iqis biss dawk li jinqraw, ċioe` tnejn, li huma maħruġin mill-ispiżerija “Tal-Ħlas” u l-ispiżerija “Evans”. It-total taż-żewġ riċevuti li jinqraw huwa ta’ sitta u erbgħin Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€46.51ċ) (fol. 33); u

- Żewġ riċevuti maħruġin mill-ispiżerija “Tal-Ħlas” datati 28 ta’ Ġunju u 12 ta’ Lulju 2018 li jammontaw għal tnax-il Ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€12.84ċ) (fol. 34).

Fl-udjenza tas-27 ta’ Novembru 2018 xehed il-konvenut. Bil-Malti u taħt ġurament, huwa xehed hekk:

- Hu miżżewweġ lill-attriċi u flimkien huma għandhom żewġt itfal, ċioe` Jake Mizzi u Mikhail Mizzi. L-attriċi kienet telqet mid-dar u sa minn Marzu 2016 hu kien iħallasha mitt Ewro (€100.00) fil-

ġimgħa għat-tfal. Fil-*weekends*, it-tfal ikunu miegħu u xi drabi anki fost il-ġimgħa. Nonostante, il-konvenut saħaq li huwa dejjem ħallasha l-mitt Ewro (€100.00) fil-ġimgħa.

- Hu qatt ma talab lill-attriċi nofs l-ispejjeż li huwa jagħmel għat-tfal fil-ħin li jkunu miegħu anki meta ġieli xtralhom xi ħwejjeġ. Rigward in-nofs tal-ispejjeż tar-rigali għall-għalliema tat-tfal, hu ma deherlux li dawn kienu spejjeż neċessarji. Dwar l-injezzjonijiet, il-konvenut xehed li l-avukat tiegħu kien ivverifika li dawn setgħu jingħataw fi kliniċi pubbliċi mingħajr ħlas. Il-konvenut ilmenta li ma kienx ikkonsultat dwar l-ispejjeż u kien il-każ li l-attriċi għaddietlu r-riċevuti biss wara li nefqet l-ammonti relattivi.

- Hu qal li kellu diversi dokumenti li juru l-ispejjeż li huwa ħallas, minn butu, għat-tfal meta dawn ikunu miegħu.

- Il-konvenut xehed li ma kienx jaf bid-digriet tal-Prim' Awla (Sezzjoni Familja) tal-15 ta' Jannar 2018 u qal li l-unika karta li rċieva mill-qrati kienet tikkonsisti fl-avviż tas-smigħ għal din il-kawża.

- Huwa kompla billi xehed li qatt ma kien ra d-digriet tal-Prim' Awla (Sezzjoni Familja) u r-rikors tal-attriċi li wassal għalih. Żied li hu ma tantx ikun id-dar u karti tal-qorti ġieli twaħħlu bit-*tape* mal-bieb ta' barra.

In kontro-eżami, il-konvenut xehed li:

- Ma kienx jaf jekk l-injezzjonijiet tal-meninġite jingħatawx b'xejn mill-istat u kien l-avukat tiegħu li kellu jagħmel il-verifiki relattivi.

- Hu aċċetta li jħallas parti mill-ispejjeż tal-*outings* tat-tfal. Hu qal li kien jixtri l-ħwejjeġ għat-tfal minn jeddu u qabel li ma kien hemm ebda ordni tal-qrati biex l-attriċi tikkontribwixxi għal xi parti minn dawn l-ispejjeż.

Fl-istess udjenza xehed l-avukat Dr Joseph Brincat. Bil-Malti u taħt ġurament, huwa qal:

- Il-konvenut mar għandu bl-avviż tas-smigħ ta' din il-kawża u hu mbagħad għamel riċerki fil-Qorti tal-Familja u sab li fis-7 ta' Diċembru 2017, l-attriċi kienet għamel rikors għall-manteniment. Il-konvenut insista miegħu li kien dak iż-żmien li sar jaf b'dak ir-rikors. Għalkemm l-avukat ġibidlu l-attenzjoni li skont id-digriet, huwa kien innotifikat, il-konvenut baqa' jinsisti li ma kienx jaf b'dak ir-rikors.

- Fuq domanda tat-Tribunal (diversament ippresedut), ix-xhud wieġeb li ma sar ebda rikors biex id-digriet tal-15 ta' Jannar 2018 ikun varjat.

In kontro-eżami, Dr Brincat xehed li jaqbel li l-konvenut kien ilu jħallas il-mitt Ewro (€100.00) fil-ġimgħa sa minn qabel ħareġ id-digriet tal-Qorti tal-Familja.

Fl-udjenza tal-11 ta' Frar 2019 il-konvenut ippreżenta affidavit u numru ta' dokumenti (fol. 42 sa 84). Il-konvenut qal is-segwenti fl-affidavit:

- Insista li huwa jħallas mitt Ewro (€100.00) fil-ġimgħa lill-attriċi u li fuq medda ta' sena, dan l-ammont jammonta għal iktar milli kieku hu jħallasha erba' mitt Ewro (€400.00) fix-xahar.

- Il-konvenut kompla jgħid li b'hekk, l-attriċi ħadet ferm iktar milli kellha tieħu skont id-digriet tal-Prim' Awla (Sezzjoni Familja). Bl-istess raġunament, il-konvenut qal li kellu jedd li jkun ikkumpensat għaż-żejjed li huwa ħallas.

Id-dokumentazzjoni ippreżentata mill-konvenut in sostenn tal-affidavit tikkonsisti f'kopji taċ-ċekkijiet użati għall-ħlas tal-manteniment kif ukoll f'dokumentazzjoni li tindika li huwa xtara ġugarelli u ħwejjeġ lil ulied il-kontendenti.

Fl-udjenza tal-4 ta' Marzu 2019 xehdet l-attriċi. Bil-Malti u taħt ġurament, hija qalet:

- Sa dakinhar, hija ma kienet irċeviet ebda pagament relattivament għar-riċevuti sitwati a fol. 17 sa fol. 34 u inoltre, hija xehdet li f'din il-kawża kellha tiġbor tlett mija u tnejn u sittin Ewro u tletin ċenteżmu (€362.30ċ).

- Hija xehdet li qatt ma naqset li taċċetta l-manteniment mingħand il-konvenut, liema manteniment kien beda jingħatalha sa minn Marzu 2016. Il-manteniment kien jingħatalha f'mitt Ewro (€100.00) fi flus kontanti kull ġimgħa iżda minn meta nfetħet din il-kawża beda jingħata b'ċekk. Tul dan iż-żmien, l-attriċi dehrilha li l-manteniment ma kienx qiegħed jingħata l-importanza li jistħoqqlu u għalhekk, fis-7 ta' Diċembru 2017 hija intavolat rikors quddiem il-Prim' Awla (Sezzjoni Familja) sabiex il-manteniment ikun ta' erba' mitt Ewro (€400.00) fix-xahar u jitħallas kull l-ewwel jum ta'x-xahar. Fl-istess rikors, intalab li l-konvenut ikun obbligat iħallas nofs l-ispejjeż relattivament għas-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri. Dan ir-rikors ġie innotifikat lill-konvenut u billi hu m'għamilx risposta, il-Prim' Awla tat id-digriet tagħha fil-15 ta' Jannar 2018. Nonostante, il-konvenut ma segwiex dak li ngħad fid-digriet.

- L-attriċi kienet tgħaddi r-riċevuti relattivi lill-konvenut, li kien jinjorahom. Wara dan, l-attriċi għamlet rapport fl-Għassa ta' Ħal Qormi. Wara xi żmien, il-konvenut irritorna r-riċevuti billi tefagħhom fil-*letter box* tar-residenza tal-attriċi.

F'dan l-istadju, it-Tribunal jgħid li huwa ra d-dokumentazzjoni a fol. 94 sa 98 tal-proċess konsistenti f'kitba tal-attriċi li tgħid essenzjalment dak li diġà kienet xehdet dwaru fix-xhieda tagħha u f'żewġ rapporti fl-Għassa ta' Ħal Qormi.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Permezz ta' din l-azzjoni, l-attriċi qed titlob li dan it-Tribunal jikkundanna lil żewġha l-konvenut iħallasha nofs l-ispejjeż relatati mal-edukazzjoni u s-saħħa taż-żewġt itfal tagħhom. Il-kontendenti jinsabu għaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni personali quddiem il-Prim' Awla (Sezzjoni Familja) u din l-azzjoni ssib sostenn mid-digriet ta' dik l-Onorabbli Qorti datat 15 ta' Jannar 2018, permezz ta' liema digriet il-konvenut ġie ordnat iħallas nofs l-ispejjeż relatati mal-edukazzjoni u s-saħħa taż-żewġt itfal fi żmien ġimgħa minn meta ssir it-talba għall-ħlas.

It-Tribunal jirreferi għall-partijiet tad-dokumenti CM1 u CM2 fejn l-attriċi spjegat li r-riċevuti ippreżentati jammontaw għal tlett mija u tnejn u sittin Ewro u tletin ċenteżmu (€362.30ċ).Nonostante dawn il-kalkoli, il-konvenut ma jistax jiġi ordnat iħallas tlett mija u tnejn u sittin Ewro u tletin ċenteżmu (€362.30ċ) stante li l-Avviż tat-Talba juri ċar li l-attriċi qegħda titlob biss **tlett mija u tlettax-il Ewro u sebgħin ċenteżmu (€313.70ċ)**. It-Tribunal ma jistax joħroġ 'il barra mill-parametri tal-azzjoni anki jekk mill-provi, jirriżulta li huwa minnu li l-attriċi verament għandha tieħu tlett mija u tnejn u sittin Ewro u tletin ċenteżmu (€362.30ċ). L-attriċi kellha diversi xhur sabiex tara li t-talbiet tagħha jaqblu mal-provi li kellha l-ħsieb li tippreżenta u kieku riedet, kellha kull opportunità titlob lit-Tribunal jawtorizza li l-ammont mitlub jiżdied għal dak indikat fid-dokument CM1. Dan qatt ma sar.

Dwar dan il-punt, il-Qorti tal-Appell, fil-kawża ***<u>Alfred Agius et vs. Peter Montebello</u>*** (deċiża fl-14 ta' Jannar 2004), qalet:

> "*Jinghad qabel kull konsiderazzjoni ohra illi presuppost specifiku tad-determinazzjoni tal-kompetenza huma t-termini tal-azzjoni. "Hu l-att promotur kif intavolat, it-talbiet u l-premessi taghhom li jifformaw il-parametri li fihom il-qorti kellha tezercita l-gudizzju taghha u li allura jiddeterminaw il-kompetenza taghha" ("**Frankie Refalo nomine -vs- Jason Azzopardi et**", Appell, 7 ta' Ottubru 1997).*"

Fil-kawża ***<u>John Micallef noe vs. Jeffrey Mizzi</u>***, deċiża fl-24 ta' Frar 2012, il-Prim' Awla qalet:

> "*Huwa prinċipju magħruf illi fl-għoti tas-sentenza l-Imħallef ċivili għandu joqgħod rigorożament fil-limiti tal-kontestazzjoni. Fuq kollox huwa għandu joqgħod strettament għat-termini tal-kawżali u tat-talba kif miġjuba fiċ-ċitazzjoni. Is-sentenza kellha għalhekk tispekkja dik it-talba konsiderata fid-dawl tal-provi prodotti u tal-prinċipji tad-dritt applikabbli għalihom u tenut kont tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut. Kif ritenut, ma huwiex leċitu li l-kawża tiġi maqtugħa fuq kawżali differenti minn dik espressa fiċ-ċitazzjoni. Kawżali kif espressa fiċ-ċitazzjoni ma tistax tinbidel tul it-trattazzjoni tal-kawża u l-Qorti għandha toqgħod u tkun konformi mat-termini tad-domandi kif espressi fiċ-ċitazzjoni. Li kieku dan ma jsirx, is-sentenza mogħtija tkun extra petita*."

Il-Prim' Awla, fil-kawża ***Charles Grech et vs. John Agius***, deċiża fil-21 ta' April 2016, qalet ukoll:

> "*Illi kif intqal, "La causa dell'azione e` il fatto costitutivo del diritto al mutamento giuridico. La volonta` d'impugnare che si riferisce a una causa non si riferisce a un'altra (ne` e` lecito distinguere fra cause prossime o no)…* ***il giudice che passa da una causa all'altra pronuncia ultra petita****" (enfasi miżjuda mill-Qorti). Dan it-tagħlim għadu jgħodd sal-lum u huwa segwit mill-Qrati tagħna: "Hu magħruf, u anke aċċettat, in linea ta' prinċipju ġenerali, illi n-natura u l-indoli tal-azzjoni għandhom jiġu deżunti mit-termini tal-att li bih jinbdew il-proċeduri (****Kollez. Vol XLII pI p86****). Hi wkoll regola proċedurali, sostenuta mill-ġurisprudenza, illi l-kawżali tad-domanda ossija r-raġuni ġuridika tat-talba, oltre li għandha tiġi mfissra ċar u sewwa, ma tistax tiġi mibdula jew aġġunta u l-Qorti għandha toqgħod għat-talba kif tkun ġiet imfissra fl-att taċ-ċitazzjoni (****Kollez. Vol. XXXIV pI p85****). Dan b'mod li l- Qorti ma tistax tiddeciedi fuq xi dritt iehor li jkun jirrizulta, anke ghaliex, kif ritenut, '****mhux lecitu li l-kawza tigi maqtugha fuq kawzali differenti minn dik espressa fic-citazzjoni'**** (****Kollez. Vol. XLVIII pII p777****)";*
>
> *Illi l-istess awtur li ssemma jkompli jisħaq fuq is-siwi li l-parti li tiftaħ kawża tidentifika x'inhi sewwasew il-kawżali li fuqha jressaq it-talba tiegħu. Huwa jikteb hekk: "Identita` della cause (eadem causa petendi) – E` questo l'elemento piu` delicato da esaminare. Il concetto di causa o titolo… e` complesso. In generale esso indica il fondamento, la ragione di una pretesa. Ma questa idea generale va analizzata e precisata. .. .. Occorre subito escludere che la causa petendi sia la norma di legge invocata dalla parte in giudizio. L'azione si individua e si identifica mediante gli elementi di fatto che hanno resa concreta la volonta` della legge e non per la norma astratta di legge. Quindi il semplice mutamento del punto di vista giuridico (cioe` l'invocazione di una diversa norma nel caso che uno stesso fatto possa cadere sotto diverse norme di legge) non importa diversita` d'azioni: esso e` quindi lecito alla parte, lecito al giudice. Mutando il solo punto di vista giuridico non si evita la eccezione di cosa giudicata";*
>
> *Illi jidher tajjeb li qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tikkunsidra jekk tistax tilqa' t-talba tal-atturi kif dedotta, tagħmel ftit riflessjonijiet oħrajn kemm jista' jkun qosra dwar il-kunċett ta' talba u ta' kawżali. Kull domanda fiha tlett elementi: suġġetti, oġġett u causa. Isegwi minn dan illi żewġ azzjonijiet u żewġ domandi jkunu identiċi meta jkollhom in komun it-tlett elementi. Id-differenza ta' element wieħed huwa biżżejjed biex jipproduċi azzjoni differenti. Dawn it-tlett elementi ġew hekk spjegati minn* ***Mandrioli****, ġurista importanti Taljan: "L'oggetto, o petitum e`, come dice la parola, cio` che si chiede con la domanda. E poiche` la domanda e` rivolta non a un soggetto solo, ma a due soggetti (al giudice ed all'altra parte) ai quali si richiedono cose diverse, il petitum assumera` in concreto, due aspetti diversi. Innanzi tutto, ossia in via immediata, la domanda si rivolge al giudice al quale si chiede non la cosa o la prestazione oggetto del diritto sostanziale, ma un provvedimento… In secondo luogo, ossia in via mediante, la domanda si rivolge alla cosidetta controparte, che per lo piu` e` il convenuto: e a questo soggetto non si chiede un provvedimento, ma si chiede un bene della vita: una cosa (il fondo Serviano, o quella certa macchina), o una prestazione (pagare 100, costruire un muro ecc.) oppure si chiede di non contestare una determinata situazione giuridica che ha un certo oggetto; oppure, ancora, di subire una certa modificazione giuridica… 'Causa petendi' significa ragione del domandare; e naturalmente ragione giuridica o titolo giuridico… la ragione obiettiva su cui la domanda si fonda: in altri termini il diritto sostanziale affermato in forza del quale viene chiesto il petitum."*"

It-Tribunal jgħaddi issa sabiex jeżamina d-difiża li jipproponi l-konvenut.

Essenzjalment, il-konvenut jargumenta li billi hu jqassam l-ammont dovut *in linea* ta' manteniment f'pagamenti settimanali ta' mitt Ewro (€100.00) minflok pagamenti mensili ta' erba' mitt Ewro (€400.00), jispiċċa jħallas pagament "żejjed" ta' erba' mitt Ewro (€400.00). Inoltre, il-konvenut iżid jgħid li l-ammont mitlub mill-attriċi mhux dovut ukoll għar-raġuni li meta t-tfal ikunu miegħu, huwa wkoll jixtrilhom xi affarjiet.

Il-konvenut argumenta li hu ma kienx innotifikat bir-rikors tal-attriċi quddiem il-Prim' Awla (Sezzjoni Familja) tas-7 ta' Diċembru 2017 u lanqas biss kien jaf bid-digriet ta' dik l-Onorabbli Qorti tal-15 ta' Jannar 2018. Dan it-Tribunal m'għandu la l-kompetenza u lanqas il-kompitu sabiex jidħol fi kwistjonijiet ta' validità jew invalidità tan-notifika ta' atti ippreżentati quddiem il-Prim' Awla (Sezzjoni Familja). *Se mai*, wara li l-konvenut sar jaf bl-istess digriet permezz ta' dawn il-proċeduri, messu ippreżenta rikors fejn talab lil dik l-Onorabbli Qorti sabiex tvarja jew sabiex tirrevoka d-digriet relattiv *contrario imperio*. Skont ix-xhieda ta' Dr Joseph Brincat, ma sar ebda rikors ta' dan it-tip.Inoltre, jekk il-konvenut jinsisti li ma kienx innotifikat, huwa għandu jittratta din il-kwistjoni quddiem dik l-Onorabbli Qorti u mhux quddiem dan it-Tribunal.

Kwistjoni ferm relatata tqum meta l-konvenut jargumenta li l-ammont mitlub mhux dovut għas-sempliċi raġuni li meta t-tfal ikunu miegħu, huwa jixtrilhom ħwejjeġ u affarjiet oħra. It-Tribunal jiddisponi minn dan l-argument billi jgħid li tali argumentazzjoni għandha ssir quddiem il-Prim' Awla u mhux f'dan il-forum.

Ladarba l-attriċi ippreżentat kopja legali tad-digriet relattiv u m'hemm ebda indikazzjoni li dan id-digriet ġie varjat jew irrevokat min dik l-Onorabbli Qorti, it-Tribunal ma jistax, *sua sponte*, jiddeċiedi din il-vertenza abbażi ta' xi jħoss hu. Għalhekk, it-Tribunal huwa marbut li jiddeċiedi din l-azzjoni skont dak ordnat mill-Prim' Awla (Sezzjoni Familja) fid-digriet tal-15 ta' Jannar 2018 ladarba jirriżulta li dan id-digriet jeżisti u huwa *in vigore*.

It-Tribunal jgħaddi issa sabiex jeżamina l-<u>kwalità</u> tal-provi mressqa. F'dan ir-rigward, it-Tribunal iżomm f'moħħu l-Art. 559 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ċioe` r-regola li għandha dejjem tinġieb l-aħjar prova li tista' tinġieb.

It-Tribunal osserva li d-dokumentazzjoni ippreżentata mill-attriċi in sostenn tat-talbiet tagħha għandha numru ta' nuqqasijiet. Qabel xejn, f'xi bnadi hemm riċevuti tant skulurati li assolutament ma jinqrawx. Hemm ukoll <u>karti</u> (u mhux riċevuti fiskali) maħruġin mill-iskejjel relattivament għal *outings* u attivitajiet oħrajn. Dawn il-karti huma biss prova li ntalab il-ħlas mill-iskola u mhux prova li fil-fatt, il-ħlas <u>sar</u>. It-Tribunal innota wkoll numru sostanzjali ta' riċevuti li assolutament ma jindikawx x'inxtara (u għalhekk m'hemmx prova li kienu oġġetti li jappartjenu għas-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri). Per eżempju, il-fatt li nħarġu riċevuti fiskali minn *Kevin's Stationery* ma jikkostitwixxix prova li fil-fatt, inxtraw affarjiet neċessarji għall-edukazzjoni tat-tfal. Dawn in-nuqqasijiet jagħmluha impossibbli sabiex it-Tribunal jaċċetta li <u>kull spiża</u> mniżżla fil-fatt tappartjeni għas-saħħa u l-edukazzjoni tat-tfal.

Relattivament għall-kwistjoni dwar il-*vaccine*, it-Tribunal ra li l-verifiki li allegatament saru mill-avukat tal-konvenut ma ġewx għall-konjizzjoni tal-istess Tribunal u għalhekk, it-Tribunal ma jistax jikkonkludi li tali *vaccines* verament seta' jipprovdihom l-istat. Oltre dan, hija l-prassi ordinarja li x-xelta ta' jekk hemmx l-obbligu li l-ewwel jittieħdu fi sptar tal-istat hija kwistjoni solitament ittrattata fil-kuntratt tas-separazzjoni, kif ukoll il-kwistjoni dwar jekk hemmx bżonn il-kunsens taż-żewġ ġenituri. F'dan il-każ, għad m'hemmx kuntratt ta' separazzjoni iffinalizzat.

Abbażi ta' dan, it-Tribunal sejjer għalhekk jagħti lista ta' liema dokumentazzjoni ser tiġi skartata u liema ser tiġi ikkunsidrata.

- It-Tribunal <u>jiskarta</u> d-dokumentazzjoni a fol. 18 sa fol. 22 stante li m'hemmx prova li l-ħlas sar.
- It-Tribunal <u>jikkunsidra</u> d-dokumentazzjoni a fol. 23 u 24 stante li huwa ċar li dawn kienu pagamenti konnessi mal-edukazzjoni tat-tfal.
- It-Tribunal <u>jiskarta</u> d-dokumentazzjoni a fol. 25 u 26 stante li m'hemmx prova li dak li nxtara kien konness mal-edukazzjoni tat-tfal.
- It-Tribunal <u>jikkunsidra</u> d-dokumentazzjoni a fol. 27 stante li huwa ċar li dawn kienu pagamenti konnessi mal-edukazzjoni tat-tfal.

- It-Tribunal jikkunsidra d-dokumentazzjoni a fol. 29 sa fol. 31 stante li huwa ċar li l-pagamenti kienu konnessi mas-saħħa tat-tfal, għalkemm jikkummenta li r-riċevuta datata 17 ta' April 2018 maħruġa minn Dr Mark Bailey għal konsulta ma tindikax l-isem tat-tfal iżda biss il-kunjom "*Mizzi*".
- It-Tribunal jiskarta d-dokumentazzjoni a fol. 32 sa fol. 34 kemm għax m'hemmx prova li l-pagamenti deskritti kienu konnessi mas-saħħa tat-tfal kif ukoll għar-raġuni li numru ta' riċevuti kienu tant skulurati li ma jinqrawx.

It-total li jemerġi mid-dokumentazzjoni ikkunsidrata huwa ta' erba' mija u dsatax-il Ewro u għoxrin ċenteżmu. In-nofs ta' dan l-ammont huwa mitejn u disa' Ewro u sittin ċenteżmu (€209.60ċ).

Nonostante dan kollu, it-Tribunal assolutament ma jistax jinjora l-fatt li għalkemm id-digriet tal-15 ta' Jannar 2018 jilqa' t-talba li l-konvenut għandu jħallas erba' mitt Ewro (€400.00) fix-xahar lill-attriċi bħala manteniment għaż-żewġ ulied u nofs l-ispejjeż għas-saħħa u l-edukazzjoni tagħhom, il-konvenut ilu minn Marzu 2016 iħallas mitt Ewro (€100.00) fil-ġimgħa u skont l-istess konferma ukoll tal-attriċi fix-xhieda tagħha mogħtija fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2018 u fl-affidavit minnha ippreżentat a fol. 94. Għalhekk, huwa minnu li l-konvenut ħallas aktar minn erba' mitt Ewro fix-xahar u saħansitra:

- Ħamest elef u mitejn Ewro (€5,200) minn Marzu 2016 sa Marzu 2017 (minflok erbat elef u tmien mitt Ewro [€4,800]); u
- Ħamest elef u mitejn Ewro (€5,200) minn Marzu 2017 sa Marzu 2018 (minflok erbat elef u tmien mitt Ewro [€4,800]).

Dan oltre d-differenza fix-xhur segwenti minn Marzu 2018 sal-11 ta' Frar 2019 (ħdax-il xahar) sa meta l-konvenut ikkonferma l-istess ħlas. Fis-sentejn biss, ċioe` bejn Marzu 2016 u Marzu 2018, il-konvenut diġà ħallas erba' mitt Ewro fis-sena żejda, ċioe` tmien mitt Ewro (€800.00). Skont it-Tribunal, dawn kellhom jittieħdu u jintużaw mill-attriċi għas-sehem tiegħu tal-ispejjeż u l-edukazzjoni.

Ċertament, l-ammont ta' flus li ngħataw u ġew aċċettati mill-attriċi huma ferm akbar mis-somma indikata fl-Avviż tat-Talba. F'din il-kawża, it-Tribunal jista' la jordna li l-flus jiġu irrifondati u lanqas jordna li l-attriċi tħallas lura xi flejjes lill-konvenut u dan anki fin-nuqqas ta' kontro-talba min-naħa tal-konvenut. Ma jistax jiġi injorat li l-konvenut fil-fatt kopra s-sehem tiegħu (ċioe` s-sehem ta' nofs) mill-ispejjeż tal-edukazzjoni u s-saħħa tal-ulied. L-ammonti mħallsa mill-konvenut ferm jeċċedu l-ammont mitlub mill-attriċi f'din l-azzjoni.

**Deċide**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jiċħad it-talbiet kollha tal-attriċi bl-ispejjeż kollha kontra tagħha.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**